KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fil-15 ta' April 2021[1]

**Kawża C-665/20 PPU**

**Openbaar Ministerie**
**vs**
**X**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, Il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Konsenja ta' persuni rikjesti lill-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti – Punt 5 tal-Artikolu 4 – Raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv – Persuna rikjesta li ġiet iġġudikata b'mod definittiv għall-istess atti minn pajjiż terz – Prinċipju ta' *ne bis in idem* – Sentenza li ġiet skontata jew li ma tistax tiġi eżegwita iżjed"

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI)[2], kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009[3] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584").

2. Għalkemm il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-mandat ta' arrest Ewropew tista' tiġi deskritta bħala abbundanti, il-varjetà tas-sitwazzjonijiet li fihom dan l-istrument huwa implimentat tkompli tqajjem mistoqsijiet ġodda dwar il-portata tar-regoli u tal-prinċipji li l-applikazzjoni tiegħu tirrikjedi. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija eżempju ieħor ta' dan.

3. It-talba tressqet fil-kuntest tal-eżekuzzjoni, fil-Pajjiżi l-Baxxi, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fid-19 ta' Settembru 2019 mill-Amtsgericht Tiergarten (il-Qorti Distrettwali ta' Tiergarten, il-Ġermanja) sabiex jinbdew proċeduri kriminali kontra X għal atti ta' vjolenza rari li allegatament ġew kommessi f'Berlin (il-Ġermanja) iżda li potenzjalment kienu diġà suġġetti, totalment jew parzjalment, ta' deċiżjoni mogħtija mill-qorti kriminali ta' Téhéran (l-Iran).

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45.
[3] ĠU 2009, L 81, p. 24.

Ikkundannat għal pieni ta' priġunerija ta' seba' snin u sitt xhur, X ibbenefika minn tnaqqis ta' piena għall-aħħar 338 jum permezz ta' miżura ta' amnestija ġenerali pproklamata mill-Gwida tar-Rivoluzzjoni fl-okkażjoni tal-40 anniversarju tar-rivoluzzjoni Iranjana.

4. F'dan il-kuntest partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tiċċara l-ġurisprudenza tagħha dwar il-marġni ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji ffaċjati b'raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv ta' mandat ta' arrest Ewropew fil-każ speċifiku previst fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Għall-ewwel darba, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi wkoll dwar l-applikabbiltà transnazzjonali tal-prinċipju *ne bis in idem* dedott mill-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u dwar l-effett ta' miżura ta' klemenza fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

5. Il-premessi 6, 10 u 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jistipulaw:

"(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja..

[…]

(10) Il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss fil-każ ta' ksur serju u persistenti minn wiehed mill-Istati Membri tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) [TUE], determinat mill-Kunsill skond l-artikolu 7(1) tat-Trattat imsemmi bil-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tiegħu.

[…]

(12) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 [TUE] u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitolu VI tiegħu. […]"

6. Skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni Qafas, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligu li jiġi esegwit":

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imniżżla fl-Artikolu 6 [TUE]."

7. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, intitolat "Raġunijiet għan-non-esekuzzjoni obbligatorja biex ma jiġix esegwit mandat ta' arrest Ewropew", jistipula:

"L-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru ta' l-esekuzzjoni (minn hawn 'il quddiem 'l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni') għandha tiċħad li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew fil-każijiet li ġejjin:

1) jekk ir-reat li fuqu hu bbażat il-mandat ta' arrest hu kopert minn amnestija fl-Istat Membru ta' esekuzzjoni, fejn dak l-Istat kellu ġurisdizzjoni biex jieħu azzjoni kriminali kontra r-reat skond il-liġi kriminali tiegħu;

2) jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni hi infurmata li l-persuna rikjesta ġiet finalment ġudikata minn Stat Membru fir-rigward ta' l-istess atti bil-kondizzjoni li, fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ingħatat jew qed tingħata attwalment jew ma tistax tiġi esegwita iżjed taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li ta s-sentenza;

3) jekk il-persuna li hi s-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew ma tistax, minħabba fl-età tagħha, tinsab kriminalment responsabbli għall-atti li fuqhom hu bbażat il-mandat ta' arrest skond il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni."

8. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 minn naħa tiegħu jirrigwarda, skont it-titolu tiegħu, ir-"Raġunijiet għan-nuqqas ta' esekuzzjoni [fakultattiv] tal-mandat ta' arrest Ewropew". Skont dan l-artikolu:

"L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista' tirrifjuta li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew:

[…]

5) jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni hi infurmata li l-persuna rikjesta ġiet iġġudikata finalment minn Stat terz fir-rigward ta' l-istess atti bil-kondizzjoni li, fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ġiet skontata jew bħalissa qed tiġi skontata jew ma tistax tiġi esegwita iżjed taħt il-liġi tal-pajjiż li ta s-sentenza;

[…]"

### *B. Id-dritt Olandiż*

9. Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ġiet trasposta fid-dritt Olandiż permezz tal-wet tot implementatie van het kaderbesluit van de Raad van de Europese Unie betreffende het Europees aanhoudingsbevel en de procedures van overlevering tussen de lidstaten van de Europese Unie (il-Liġi li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-Proċeduri ta' Konsenja bejn l-Istati Membri), tad-29 ta' April 2004[4], kif emendata bil-Liġi tat-22 ta' Frar 2017[5] (iktar 'il quddiem l-"OLW").

[4] Stb. 2004, Nru 195.

[5] Stb. 2017, Nru 82.

10. Fid-data meta saret it-talba għal deċiżjoni preliminari, l-Artikolu 9(1) tal-OLW kien jistipula:

"Il-konsenja tal-persuna rikjesta ma hijiex awtorizzata fir-rigward ta' att li għalih:

[...]

d) din il-persuna kienet is-suġġett ta' deċiżjoni liberatorja jew li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni ta' qorti Olandiża, jew ta' deċiżjoni definittiva ekwivalenti ta' qorti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew ta' pajjiż terz;

e) din il-persuna ġiet ikkundannata permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, meta:

   1. il-piena jew il-miżura imposta diġà ġiet skontata;

   2. il-piena jew il-miżura imposta ma għadhiex tista' tiġi eżegwita jew ma tistax tiġi eżegwita iktar;

   3. il-kundanna tikkonsisti f'dikjarazzjoni ta' ħtija mingħajr piena jew miżura;

   4. il-piena jew il-miżura imposta hija skontata fil-Pajjiżi l-Baxxi;

[...]"

11. Skont l-Artikolu 28(2) tal-OLW:

"Jekk ir-rechtbank [il-Qorti Distrettwali] tikkonstata [...] li l-konsenja ma tistax tiġi awtorizzata [...], hija għandha tirrifjuta din il-konsenja fid-deċiżjoni tagħha."

## III. Il-fatti li minnhom oriġinat il-kawża prinċipali

12. Fid-19 ta' Settembru 2019, l-Amtsgericht Tiergarten (il-Qorti Distrettwali ta' Tiergarten) ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra X għall-konsenja tiegħu sabiex jinbdew proċeduri kriminali għal atti li huwa allegatament ikkommetta f'Berlin fit-30 ta' Ottubru 2012.

13. Dakinhar, X allegatament rabat lil Y, li dak iż-żmien kienet is-sieħba tiegħu, kif ukoll lil Z, bintha ta' għaxar snin, filwaqt li heddidhom b'sikkina. Sussegwentement, huwa allegatament stupra lil Y qabel ma kkawżalha ġrieħi. Qabel ma telaq mid-dar ta' Y, huwa sakkar il-kmamar li fihom kienu jinsabu marbuta Y u Z rispettivament bil-għan li jikkawża l-mewt tagħhom.

14. Ir-reati li għalihom hija mitluba l-konsenja huma s-segwenti:

– attentat ta' qtil volontarju tas-sieħba tiegħu;

– attentat ta' qtil ta' bint is-sieħba tiegħu, minuri fil-mument tal-fatti;

– stupru tas-sieħba tiegħu;

– daqqiet u ġrieħi gravi fuq is-sieħba tiegħu;

– sekwestru volontarju tas-sieħba tiegħu;

– sekwestru volontarju tal-bint minuri tas-sieħba tiegħu.

15. Abbażi ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew, X ġie arrestat fil-Pajjiżi l-Baxxi u tressaq quddiem il-qorti tar-rinviju fit-18 ta' Marzu 2020. Huwa informa lil din il-qorti li ma kienx qed jagħti l-kunsens għall-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet ġudizzjarji Ġermaniżi u tqiegħed taħt arrest sakemm tingħata deċiżjoni dwar dan. Insostenn tal-oppożizzjoni magħmula kontra l-konsenja tiegħu, X invoka l-prinċipju *ne bis in idem*, filwaqt li sostna, b'mod partikolari, li huwa kien suġġett ta' deċiżjoni definittiva għall-istess atti f'pajjiż terz, jiġifieri l-Iran.

16. Skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, X kien suġġett ta' deċiżjoni fl-Iran għall-atti hawn fuq imsemmija, bl-eċċezzjoni tas-sekwestru ta' Y li, fl-elementi materjali tiegħu, xorta kien inkluż fl-akkuża tal-attentat ta' qtil volontarju fuqha. Fi tmiem il-proċedura li saret fl-Iran, X ġie kkundannat permezz ta' sentenza kriminali definittiva għad-daqqiet u ġrieħi gravi li huwa kien ikkawża lil Y, kif ukoll għall-attentati ta' qtil ta' Y u Z. Għall-kuntrarju, huwa kien illiberat b'mod definittiv mill-akkużi ta' stupru ta' Y u ta' sekwestru volontarju ta' Z.

17. Skont id-dritt Iranjan, X kellu jkun suġġett għall-itwal piena ta' priġunerija imposta fil-konfront tiegħu f'dan il-pajjiż għall-atti li għalihom ġie kkundannat b'mod definittiv, jiġifieri piena ta' priġunerija ta' seba' snin u sitt xhur. X skonta l-parti l-kbira ta' din il-piena. Huwa bbenefika minn tnaqqis ta' piena għall-bqija tal-kundanna permezz ta' amnestija ġenerali pproklamata mill-Gwida tar-Rivoluzzjoni, fl-okkażjoni tal-40 anniversarju tar-rivoluzzjoni Iranjana.

18. Minħabba d-daqqiet u l-ġrieħi gravi li kkawża lil Y, X ġie kkundannat ukoll iħallasha "diya". Minħabba l-insolvenza tiegħu, X ġie awtorizzat jifrex il-pagament ta' dan il-kumpens permezz tal-ewwel ħlas ta' 200 000 000 riali Iranjani (madwar EUR 4 245) segwit b'pagamenti mensili ta' ammont ekwivalenti għal 2 % tad-"diya". Wara li ħallas l-ewwel pagament u l-ewwel pagament mensili, X inħeles fl-Iran fil-5 ta' Mejju 2019. Fis-7 ta' Settembru 2020, l-awtoritajiet Iranjani ħarġu mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu minħabba nuqqas ta' osservanza tal-iskadenzi tal-pagamenti sussegwenti.

19. Quddiem il-qorti tar-rinviju, X isostni li huwa kien suġġett għal proċeduri kriminali u ngħata deċiżjoni definittiva fl-Iran għall-istess atti li għalihom qed tintalab il-konsenja tiegħu bis-saħħa tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tiegħu. Huwa allegatament ġie lliberat b'mod definittiv fir-rigward ta' parti mill-atti, filwaqt li l-parti l-oħra allegatament wasslet għal kundanna ta' priġunerija li X skonta kompletament. Barra minn hekk, X isostni li d-"diya" ma tikkostitwixxix piena jew miżura, iżda obbligu ta' ħlas ta' danni lill-vittma.

20. Minn dan X jiddeduċi li, skont l-Artikolu 9(1)(d) u l-punt 1 tal-Artikolu 9(1)(e) tal-OLW, il-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet Ġermaniżi permezz tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tiegħu għandha tiġi miċħuda. Huwa jsostni, b'mod partikolari, li l-Artikolu 9(1) tal-OLW ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn sentenza definittiva mogħtija fi Stat Membru u sentenza definittiva mogħtija fi stat terz. B'dan il-mod, il-leġiżlatur Olandiż uża l-possibbiltà li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tagħti lill-Istati Membri li jirrifjutaw il-konsenja f'każ ta' sentenza definittiva u ta' piena skontata kompletament f'pajjiż terz. Il-qrati Olandiżi huma, għalhekk, obbligati jkunu konformi magħha.

21. Minn naħa l-oħra, il-Prosekutur isostni li l-eċċezzjoni invokata minn X, ibbażata fuq kundanna preċedenti fl-Iran, ma tistax tintlaqa'. Fir-rigward ta' kundanna imposta f'pajjiż terz, hija fil-fatt il-qorti tar-rinviju, bħala awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni bis-saħħa tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li għandha twarrab l-applikazzjoni tal-Artikolu 9(1)(e) tal-OLW sabiex tevalwa jekk il-kundanna imposta fl-Iran tistax tkun suġġetta għar-rikonoxximent reċiproku bis-saħħa ta' fiduċja reċiproka bbażata fuq trattati jew l-użanza. Fid-dawl tal-ksur tar-relazzjonijiet diplomatiċi u tan-nuqqas ta' kooperazzjoni ġudizzjarja mar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, kif ukoll tal-eżistenza ta' differenzi sinjifikattivi bejn is-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri tal-Unjoni u dik tal-Iran, tali fiduċja fis-sistema ġuridika Iranjana hija nieqsa. Minn dan il-Prosekutur jikkonkludi li l-kundanna imposta fuq X fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tiegħu.

22. Iffaċċjata b'dawn l-argumenti kuntrarji, il-qorti tar-rinviju tesprimi diversi dubji dwar il-mod li bih għandu jiġi interpretat il-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u dwar kif ġie traspost fid-dritt Olandiż.

23. F'dan ir-rigward, hija tosserva li l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jelenka r-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv ta' mandat ta' arrest Ewropew, filwaqt li l-OLW tistipula li, fil-preżenza ta' tali raġunijiet, l-eżekuzzjoni għandha tiġi rrifjutata, peress li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma għandha l-ebda marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, jekk il-kunċett ta' "l-istess atti" użat fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandux jingħata l-istess interpretazzjoni bħal dik mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-punt 2 tal-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni Qafas minkejja li l-ewwel ipoteżi tkopri l-eżistenza ta' sentenza definittiva mogħtija f'pajjiż terz filwaqt li t-tieni waħda tirrigwarda sentenza definittiva mogħtija fi Stat Membru ieħor. Finalment, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk miżura ta' klemenza, bħal dik li minnha bbenefika X fl-Iran, tippermettix li jiġi kkunsidrat li l-piena imposta fil-konfront tiegħu ġiet skontata jew ma tistax tiġi eżegwita iktar skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-kundanna fis-sens tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

24. Peress li kkunsidrat li r-risposta għad-domanda dwar jekk il-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra X jistax jiġi eżegwit tiddependi, finalment, mill-interpretazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, Il-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tressaq domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

## IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura ta' urġenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Diċembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam) iddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 267 TFUE, id-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas [2002/584/ĠAI] għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta Stat Membru jagħżel li jittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali tiegħu, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tgawdi minn marġni ta' diskrezzjoni sabiex tevalwa jekk l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhiex tiġi rrifjutata?

2) Il-kunċett ta' "l-istess atti", li jinsab fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI u l-istess kunċett li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu interpretati bl-istess mod, u, jekk dan ma huwiex il-każ, kif għandu jiġi interpretat dan il-kunċett fl-ewwel dispożizzjoni ċċitata?

3) Il-kundizzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI li teżiġi li l-kundanna "ġiet skontata [...] jew ma tistax tiġi esegwita iżjed taħt il-liġi tal-pajjiż li ta s-sentenza" għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tirreferi wkoll għas-sitwazzjoni fejn il-persuna rikjesta tkun ġiet ikkundannata definittivament għall-istess fatti għal piena ta' priġunerija li hija tkun skontat parti minnha fil-pajjiż li fih ingħatat il-kundanna u li bbenefikat għall-bqija tal-kundanna minn maħfra tal-piena, mogħtija minn awtorità mhux ġudizzjarja ta' dan il-pajjiż, bħala parti minn miżura ta' klemenza ġenerali li hija applikabbli wkoll għal persuni kkundannati għal fatti gravi, bħal fil-każ tal-persuna rikjesta, u li ma hijiex ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet razzjonali ta' politika kriminali?"

26. Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Insostenn ta' din it-talba, hija sostniet li d-domandi mressqa jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li taqa' taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE. Hija osservat ukoll li X ġie arrestat sakemm tingħata deċiżjoni dwar il-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet Ġermaniżi. Ir-risposta urġenti tal-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk għandha influwenza diretta u determinanti dwar it-tul tal-arrest tal-persuna kkonċernata.

28. Fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Ħames Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tilqa' din it-talba.

29. Il-Prosekuzzjoni, X, il-Gvern Olandiż u dak Ġermaniż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Bl-eċċezzjoni tal-Gvern Ġermaniż, kollha ppreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta li saret fit-3 ta' Marzu 2021.

## V. Analiżi

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

30. Kif indikajt fil-qafas tal-introduzzjoni għal dawn il-konklużjonijiet, il-ġurisprudenza relatata mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija abbundanti. Il-qafas li fih dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati huwa llum il-ġurnata magħruf[6].

31. Preliminarjament, għandu għalhekk jiġi enfasizzat li d-dritt tal-Unjoni huwa bbażat fuq il-premessa fundamentali li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħra kollha, u jirrikonoxxi li dawn jikkondividu miegħu, sensiela ta' valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif speċifikat fl-Artikolu 2 TUE. Hija din il-premessa li timplika u tiġġustifika l-eżistenza tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rikonoxximent ta' dawn il-valuri u, għalhekk, fir-rispett tad-dritt tal-Unjoni li jimplimenta dawn il-valuri[7].

6 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, SF (Mandat ta' arrest Ewropew – Garanzija ta' ritorn lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni) (C-314/18, EU:C:2020:191, punt 42).

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Insuffiċjenzi tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 35), u tal-11 ta' Marzu 2020, SF (Mandat ta' arrest Ewropew – Garanzija ta' ritorn lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni) (C-314/18, EU:C:2020:191, punt 35).

32. Dawn iż-żewġ prinċipji, kemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u kemm il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, għandhom importanza tant fundamentali fid-dritt tal-Unjoni li huma dawn li jippermettu l-ħolqien u ż-żamma ta' spazju mingħajr fruntieri interni. B'mod iktar speċifiku, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jeżiġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li kull wieħed minn dawn l-Istati jqis, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-Istati Membri l-oħra kollha josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, jirrispettaw id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan id-dritt [8].

33. F'dan il-kuntest, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija intiża sabiex tissostitwixxi s-sistema ta' estradizzjoni multilaterali bbażata fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni, iffirmata f'Pariġi fit-13 ta' Diċembru 1957, b'sistema ssimplifikata u iktar effettiva ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-persuni kkundannati jew issuspettati għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet jew ta' proċeduri. Bħala l-ewwel miżura konkreta tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-liġi kriminali, il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat, neċessarjament, skont it-termini stess tal-leġiżlatur tal-Unjoni, fuq livell għoli ta' fiduċja li għandu jkun hemm bejn l-Istati Membri [9].

34. Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali, huwa applikat fl-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni qafas. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi r-regola li l-Istati Membri huma obbligati jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din l-istess deċiżjoni qafas. Għaldaqstant, bħala prinċipju, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ma jistgħux jirrifjutaw li jeżegwixxu tali mandat ħlief għall-motivi, elenkati b'mod eżawrjenti, ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni previsti fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Barra minn hekk, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' tkun suġġetta biss għal waħda mill-kundizzjonijiet previsti b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 5 ta' din id-deċiżjoni qafas. Konsegwentement, filwaqt li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi l-prinċipju, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa maħsub bħala eċċezzjoni li għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta [10].

35. B'hekk, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tistabbilixxi b'mod espliċitu r-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju (Artikolu 3) u r-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv (Artikoli 4 u 4a) tal-mandat ta' arrest Ewropew, kif ukoll il-garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru emittenti f'każijiet partikolari (Artikolu 5) [11].

36. Madankollu, il-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproku li fuqhom hija bbażata din id-Deċiżjoni Qafas ma jistgħux jippreġudikaw, b'xi mod, id-drittijiet fundamentali ggarantiti lill-persuni kkonċernati [12]. Minn dan loġikament jiriżulta li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha

[8] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Insuffiċjenzi tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 36), u tas-17 ta' Diċembru 2020, Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) (C-354/20 PPU u C-412/20 PPU, EU:C:2020:1033, punt 35).

[9] Ara l-premessi 6 u 10 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Insuffiċjenzi tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punti 39 u 40), u tal-11 ta' Marzu 2020, SF (Mandat ta' arrest Ewropew – Garanzija ta' ritorn lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni) (C-314/18, EU:C:2020:191, punti 37 u 38).

[10] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Insuffiċjenzi tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 41); tal-11 ta' Marzu 2020, SF (Mandat ta' arrest Ewropew – Garanzija ta' ritorn lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni) (C-314/18, EU:C:2020:191 punt 39), kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2020, Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) (C-354/20 PPU u C-412/20 PPU, EU:C:2020:1033, punt 37).

[11] Sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Insuffiċjenzi tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 42), u tal-11 ta' Marzu 2020, SF (Mandat ta' arrest Ewropew – Garanzija ta' ritorn lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni) (C-314/18, EU:C:2020:191 punt 40).

[12] Ara l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas (C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 59).

tkun suġġetta għal interpretazzjoni li tkun tali li tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, mingħajr ma tiġi għalhekk ikkontestata l-effettività tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri li tagħha l-mandat ta' arrest Ewropew, kif previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jikkostitwixxi wieħed mill-elementi essenzjali [13].

## *B. Fuq l-ewwel domanda preliminari*

37. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta Stat Membru jagħżel li jittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali tiegħu, huwa jkun obbligat jagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx lok jew le li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għar-raġuni msemmija f'din id-dispożizzjoni.

38. Kif l-Avukat Ġenerali Bot diġà wera fil-qasir, fil-konklużjonijiet tiegħu, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503), il-kwistjoni li tqum hija dik sabiex jiġi ddeterminat x'għandu jinftiehem permezz tan-natura "fakultattiva" tal-mandat ta' arrest Ewropew. Din il-fakultà hija intiża għall-Istati Membri li, meta jittrasponu d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fid-dritt nazzjonali tagħhom, ikunu jistgħu jiddeċiedu jew le li jżommu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv, jew hija attribwita lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha setgħa diskrezzjonali sabiex tiddeċiedi jekk hemmx lok jew le li żżommhom skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ [14]?

39. F'dan ir-rigward, il-libertà tal-Istati Membri li jittrasponu r-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew ġiet, ċertament, ikkonfermata diversi drabi mill-Qorti tal-Ġustizzja [15]. Madankollu, minn dakinhar, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha wkoll l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar ipoteżi differenti ta' raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest. Kull darba hija sostniet l-interpretazzjoni li l-awtorità ġudizzjarja għandu neċessarjament ikollha marġni ta' diskrezzjoni [16]. F'dan il-każ, il-konklużjoni li għaliha wasalt, fi tmiem analiżi testwali, kuntestwali u teleoloġika tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija identika.

40. Fl-ewwel lok, nirrileva li kien b'riferiment espress għall-punt 30 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Popławski (C-579/15, EU:C:2017:116) li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mill-kliem tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jirriżulta li meta Stat Membru

13 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas (C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 63).

14 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Popławski (C-579/15, EU:C:2017:116, punt 26).

15 B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet: "[...] *jekk jittrasponu* l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fid-dritt nazzjonali tagħhom [...]" (sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge (C-42/11, EU:C:2012:517, punt 50, enfasi miżjud minni) jew inkella: "[...] meta Stat Membru *jkun għażel* li jittrasponi [il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584] fid-dritt nazzjonali [...]" (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 21) (enfasi miżjud minni)). Ara, ukoll, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Sut (C-514/17, EU:C:2018:1016, punt 33).

16 Ara, b'mod partikolari, fir-rigward tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 21); tat-13 ta' Diċembru 2018, Sut (C-514/17, EU:C:2018:1016, punt 33), kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punti 86 u 99); fir-rigward tal-Artikolu 4a tal-istess deċiżjoni, ara s-sentenzi tal-24 ta' Mejju 2016, Dworzecki (C-108/16 PPU, EU:C:2016:346, punt 50); tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas (C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 96), kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Hamburg (C-416/20 PPU, EU:C:2020:1042, punt 51).

jkun għażel li jittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandu madankollu jkollha marġni ta' diskrezzjoni rigward il-kwistjoni dwar jekk hemmx lok jew le li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew[17].

41. Issa, f'dan il-punt tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali Bot ma llimitax l-analiżi tiegħu għat-test tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Din kienet tirrigwarda, minn naħa waħda, it-titolu tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni Qafas u, min-naħa l-oħra, l-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu, li jinkludi sentenza waħda li tintroduċi, mingħajr distinzjoni, ir-raġunijiet kollha tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv enumerati minn 1 sa 7.

42. B'hekk, jista' utilment jitfakkar li l-aġġettiv "[fakultattiv]" li jinsab fit-titolu tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jirrigwarda n-"nuqqas ta' eżekuzzjoni" tal-mandat ta' arrest Ewropew u mhux ir-"raġunijiet" li jistgħu jiġġustifikawh. Għalhekk huwa proprju r-rifjut li jiġi eżegwit il-mandat li huwa fakultattiv, għall-kuntrarju tar-rifjuti obbligatorji previsti fl-Artikolu 3 tal-istess deċiżjoni qafas[18]. Issa, peress li hija fakultattiva, kull deċiżjoni ta' rifjut hija neċessarjament ir-riflessjoni ta' għażla deliberata tal-awtur tagħha u, konsegwentement, il-frott tal-evalwazzjoni tiegħu.

43. Barra minn hekk, kif jirrileva wkoll l-Avukat Ġenerali Bot fl-istess punt tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jirriżulta li l-fakultà li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew hija mogħtija direttament lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali ta' eżekuzzjoni. Fil-fatt, fejn fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 huwa stipulat li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni "*għandha tiċħad* li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew"[19] fil-każijiet elenkati f'din id-dispożizzjoni, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 jindika li din l-istess awtorità "*tista'* tirrifjuta li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew"[20]. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat, mill-għażla tat-terminu "tista'" jirriżulta li meta Stat Membru jkun għażel li jittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandu jkollha marġni ta' diskrezzjoni rigward il-kwistjoni dwar jekk hemmx lok jew le li tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew[21].

44. *Fit-tieni lok*, din l-interpretazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija kkorroborata mill-kuntest li fih jaqa'. Fil-fatt, fl-osservazzjonijiet preliminari tiegħi fakkart li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi r-regola u r-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa eċċezzjoni li, bħala tali, għandha tkun suġġetta għal interpretazzjoni stretta[22]. Issa, jekk tiġi awtorizzata traspożizzjoni tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li teżiġi li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew fl-eżempji msemmija f'din id-dispożizzjoni ċċaħħad, minħabba n-natura awtomatika tagħha, lil din l-awtorità mill-possibbiltà li tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi, speċifiċi f'kull każ, li jistgħu jwassluha sabiex tikkunsidra li l-kundizzjonijiet għal rifjut ma ġewx issodisfatti. Għalhekk, billi tittrasforma sempliċi fakultà ta' rifjut f'obbligu reali, dispożizzjoni ta' din in-natura tittrasforma wkoll l-eċċezzjoni kkostitwita mir-rifjut tal-konsenja f'regola ta' prinċipju[23].

17 Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 21).

18 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Popławski (C-579/15, EU:C:2017:116, punt 30).

19 Enfasi miżjud minni.

20 Enfasi miżjud minni.

21 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Sut (C-514/17, EU:C:2018:1016, punt 33).

22 Ara l-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet u r-riferimenti indikati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

23 Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Popławski (C-579/15, EU:C:2017:116, punt 31).

45. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax twarrab, fil-kuntest tal-interpretazzjoni kuntestwali tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-ipoteżi msemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni Qafas. Effettivament, l-eżempji msemmija huma identiċi, bir-riżerva biss li l-ewwel ipoteżi tirrigwarda l-eżistenza ta' sentenza definittiva mogħtija f'pajjiż terz, filwaqt li t-tieni tirrigwarda sentenza definittiva mogħtija minn Stat Membru. Kif jirrileva b'mod rilevanti l-Gvern Ġermaniż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, kieku l-Istati Membri setgħu jagħżlu li jibdlu l-ipoteżi msemmija fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 f'rifjut obbligatorju, id-differenza bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet imbagħad ma tagħmilx iktar sens.

46. *Fit-tielet lok*, l-għan li għandu jintlaħaq bil-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew jidhirli li jikkonferma wkoll l-interpretazzjoni favur marġni ta' diskrezzjoni wiesa' tal-awtoritajiet ġudizzjarji. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-għan tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew huwa li jippermetti l-arrest u l-konsenja ta' persuna rikjesta sabiex, fid-dawl tal-għan li għandu jintlaħaq mill-imsemmija deċiżjoni qafas, ir-reat imwettaq ma jibqax mingħajr kastig u li jitressqu azzjonijiet kontra din il-persuna jew li din il-persuna tiskonta l-piena ta' priġunerija imposta kontriha [24].

47. Issa, jekk il-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-Istati Membri jobbligaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji jirrifjutaw, fi kwalukwe każ, l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fil-każ fejn il-persuna rikjesta tkun diġà ġiet iġġudikata b'mod definittiv għall-istess atti minn pajjiż terz (bil-kundizzjoni li, f'każ ta' kundanna, din tkun skontata jew tkun attwalment qiegħeda tiġi eżegwita jew ma tkunx tista' tiġi eżegwita iktar skont il-liġijiet tal-pajjiż ta' kundanna) u mingħajr ma dawn l-awtoritajiet ikollhom xi tip ta' marġni ta' diskrezzjoni filwaqt li s-sistemi ġuridiċi u l-proċeduri applikabbli fil-pajjiżi terzi jistgħu jkunu sinjifikattivament differenti minn dawk applikabbli fl-Istati Membri, jista' joħloq riskju ta' impunità tal-persuna rikjesta. Tali intepretazzjoni ma għandhiex, għalhekk, tkun ikkunsidrata bħala konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [25].

48. F'dan il-kuntest, bl-istess mod kif l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni għandhom, skont l-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ikunu jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li jippermettu li jiġi żgurat li l-konsenja ta' persuna koperta b'mandat ta' arrest Ewropew ma timplikax ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha għaliex din id-dispożizzjoni tipprevedi – bl-istess mod bħall-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 – każ ta' raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv [26], l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll iċ-ċirkustanzi kollha li jippermettulhom jiżguraw li r-rifjut tal-konsenja ma timplikax l-impunità tal-persuna rikjesta.

49. Tali setgħa diskrezzjonali hija daqstant ieħor importanti fil-qafas tal-applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, peress li din id-dispożizzjoni testendi l-prinċipju *ne bis in idem* għas-sentenzi mogħtija mill-qrati ta' terzi pajjiżi. Issa, kuntrarjament għal dak li japplika bejn l-Istati Membri, il-prinċipji ta' fiduċja reċiproka u rikonoxximent reċiproku, abbażi

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, SF (Mandat ta' arrest Ewropew – Garanzija ta' ritorn lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni) (C-314/18, EU:C:2020:191, punt 47).

25 Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski (C-579/15, EU:C:2017:503, punt 23). Ara wkoll, għal dikjarazzjoni u applikazzjoni tal-prinċipju li l-impunità tal-persuna rikjesta hija inkompatibbli mal-għan li għandu jintlaħaq bid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punti 82 u 103).

26 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas (C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 96), u tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Hamburg (C-416/20 PPU, EU:C:2020:1042, punt 51). Ara, ukoll, f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv dwar in-neċessità li l-awtoritajiet ġudizzjarji jingħataw setgħa diskrezzjonali, – f'dan il-każ, il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 –, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punti 86 u 99).

tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew, ma humiex awtomatikament trasponibbli għall-Istati terzi[27]. Din il-karatteristika hija l-qofol tat-tieni domanda preliminari u għalhekk ser neżaminaha bħala parti mit-tieni domanda.

50. Wara li ġie spjegat dan, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidhirli li mill-interpretazzjoni testwali, kuntestwali u teleoloġika tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jirriżulta li dan għandu jiġi interpretat fis-sens li meta Stat Membru jagħżel li jittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali tiegħu, huwa obbligat li jagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni marġni ta' diskrezzjoni sabiex tistabbilixxi jekk hemmx lok jew le li tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew għar-raġuni msemmija f'din id-dispożizzjoni.

## *C. Fuq it-tieni domanda preliminari*

51. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett tal-"istess atti" li jinsab fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandux jingħata l-istess interpretazzjoni bħal dik, formalment identika, użata fil-punt 2 tal-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni Qafas. Jekk dan ma huwiex il-każ, il-qorti tar-rinviju allura tistaqsi x'interpretazzjoni għandu jingħata.

52. Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, bħall-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-punt 5 tal-Artikolu 4 tagħha ma jirreferix għad-dritt tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-kunċett tal-"istess atti". Minħabba r-rekwiżit tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, l-evalwazzjoni ta' dan il-kunċett għalhekk ma tistax titħalla f'idejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Stat Membru skont id-dritt nazzjonali tagħhom. Huwa jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni[28].

53. F'dak li jirrigwarda l-kunċett tal-"istess atti" li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan għandu jingħata l-istess definizzjoni bħal dik mogħtija lill-kunċett tal-"istess azzjonijiet" li jinsab fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom[29], iffirmata f'Schengen (il-Lussemburgu) fid-19 ta' Ġunju 1990 (iktar 'il quddiem il-"KFS")[30]. Huwa għalhekk interpretat bħala li jirrigwarda biss il-materjalità tal-fatti u li jinkludi ġabra ta' fatti marbutin inseparabbilment ma' xulxin, irrispettivament mill-kwalifika ġuridika ta' dawn il-fatti jew mill-interess ġuridiku protett[31].

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġġustifikat l-identiċità tal-kunċetti billi bbażat ruħha fuq l-għan komuni tal-Artikolu 54 tal-KFS u tal-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li huwa li jiġi evitat li persuna tiġi mħarrka mill-ġdid jew tkun is-suġġett ta' sentenza kriminali fir-rigward tal-istess atti[32]. Issa, jiena ma narax x'jista' jkun l-għan l-ieħor li jista' jkun moħbi wara l-punt 5

[27] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża JR (Mandat ta' arrest – Kundanna fi Stat terz, membru taż-ŻEE) (C-488/19, EU:C:2020:738, punt 34).

[28] Ara, b'analoġija, fir-rigward tal-kunċett tal-"istess atti" li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2010, Mantello (C-261/09, EU:C:2010:683, punt 38).

[29] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2 p. 9.

[30] Sentenza tas-16 ta' Novembru 2010, Mantello (C-261/09, EU:C:2010:683, punt 40).

[31] Sentenza tas-16 ta' Novembru 2010, Mantello (C-261/09, EU:C:2010:683, punt 39).

[32] Sentenza tas-16 ta' Novembru 2010, Mantello (C-261/09, EU:C:2010:683, punt 40).

tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, peress li din id-dispożizzjoni hija, kif diġà indikajt preċedentament, simili f'kull mod għall-punt 2 tal-Artikolu 3 tal-istess Deċiżjoni Qafas, ħlief fir-rigward tal-Istat li minnu toriġina s-sentenza preċedenti li tiddeċiedi dwar l-istess atti.

55. F'dawn id-ċirkustanzi, fid-dawl tal-għan komuni u tan-neċessità, irrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja, li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-interpretazzjonijiet magħmula tad-dispożizzjonijiet differenti tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584[33], jidhirli li l-kunċett tal-"istess atti" użat fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tagħha għandu jingħata l-istess interpretazzjoni bħal dak li tinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tagħha.

56. Jiena nżid ukoll li, minkejja li l-prinċipu ta' *ne bis in idem* ma ssemmiex formalment mil-leġiżlatur tal-Unjoni fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ma hemm l-ebda dubju li huwa dan il-prinċipju li l-punt 2 tal-Artikolu 3 u l-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 qed jimplimentaw. Dan jidher, minn naħa waħda, mit-titolu tal-Kapitolu li fih jaqa' l-Artikolu 54 tal-KFS – "Applikazzjoni tal-Prinċipju *ne bis in idem*" – u, min-naħa l-oħra, mill-interpretazzjoni identika li tingħata lill-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta", li jifformalizza dan il-prinċipju fil-Karta[34].

57. Iktar minn koerenza interna fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, hija iktar kwistjoni li tiġi żgurata koerenza transversali fid-dritt tal-Unjoni. Peress li huwa prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit ukoll fl-Artikolu 50 tal-Karta[35], u li sa issa ngħata l-istess interpretazzjoni f'oqsma tant differenti bħal dak tat-taxxa fuq il-valur miżjud)(VAT)[36], il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus[37] jew il-mandat ta' arrest Ewropew, id-definizzjoni tiegħu ma tistax tvarja skont l-istrument ġuridiku inkwistjoni u, *a fortiori*, fl-istess strument uniku. Tali differenza tkun iktar u iktar tistona, saħansitra tkun anakronistika, peress li anki l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem adottat interpretazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* li jiffoka fuq ir-rekwiżit ta' atti identiċi jew essenzjalment l-istess[38].

58. Huwa veru li, bħal strumenti internazzjonali oħra[39], l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata fi Strasbourg fit-22 ta' Novembru 1984, jillimita l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* għas-sentenzi li jingħataw fl-istess pajjiż uniku[40]. Bl-istess mod, l-Artikolu 50 tal-Karta jispjega li l-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata "fl-Unjoni". Din l-applikazzjoni transnazzjonali limitata tal-prinċipju *ne bis in idem* hija spjegata, fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, minħabba l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li jobbliga lil kull Stat Membru sabiex jikkunsidra, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-Istati Membri l-oħra kollha jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Özçelik (C-453/16 PPU, EU:C:2016:860, punt 33).

34 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci (C-524/15, EU:C:2018:197, punti 25, 34 u 35). Barra minn hekk jista' jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi b'mod partikolari, fil-punt 35 ta' din is-sentenza, għall-punti 39 u 40 tas-sentenza tas-16 ta' Novembru 2010, Mantello (C-261/09, EU:C:2010:683) dwar l-interpretazzjoni tal-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

35 Sentenza tal-25 ta' Frar 2021, Slovak Telekom (C-857/19, EU:C:2021:139, punt 39).

36 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci (C-524/15, EU:C:2018:197).

37 Ara l-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-kawża LG u MH (Awtoriċiklaġġ) (C-790/19, EU:C:2021:15, punti 50 u 51).

38 Ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 10 ta' Frar 2009, Zolotoukhine vs Ir-Russja, CE:ECHR:2009:0210JUD001493903, punti 78 sa 82 u, għal applikazzjoni iktar reċenti, Qorti EDB, 19 ta' Diċembru 2017, Ramda vs Franza, CE:ECHR:2017:1219JUD007847711.

39 Ara l-Artikolu 14(7) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, adottat mill-Assembla Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-16 ta' Diċembru 1966 u li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 1976.

40 Ara, f'dan is-sens, Rafaraci, T., "The principle of *non bis in idem* in the jurisprudence of the European Court of Justice", f'*Le contrôle juridictionnel dans l'espace pénal européen*, Edizzjonijiet tal-Università ta' Brussell, Brussell, 2009, p. 93 sa 110, b'mod partikolari p. 93.

partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan id-dritt [41]. Jiena lanqas ma ninjora li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fil-qafas tal-KFS, ir-rabta meħtieġa li kien hemm bejn il-prinċipju *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 54 ta' din il-Konvenzjoni u l-fiduċja reċiproka tal-Istati Membri fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali rispettivi tagħhom [42].

59. Madankollu, għalkemm l-ebda prinċipju ta' dritt internazzjonali pubbliku ma jimponi l-applikazzjoni transnazzjonali tal-prinċipju *ne bis in idem* [43], sa fejn naf jien, l-ebda regola ma tipprojbixxiha [44]. Issa, meta għażel li jistabbilixxi raġuni għal rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fir-rigward ta' sentenzi mogħtija f'pajjiż terz f'termini identiċi għal dawk użati fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni għamel din l-għażla.

60. Madankollu, għandu jitfakkar li l-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 1(3) tiegħu li jimponi rispett totali tad-drittijiet fundamentali u osservanza sħiħa tal-prinċipji ġuridiċi fundamentali stabbiliti bl-Artikolu 6 tat-TUE fl-eżekuzzjoni tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew. Konsegwentement, l-applikazzjoni transnazzjonali tal-prinċipju *ne bis in idem* ma għandha bl-ebda mod, ikun x'ikun, tippreġudika d-drittijiet fundamentali ggarantiti lill-persuni kkonċernati [45].

61. Għalhekk minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien jirriżulta li, għalkemm l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza definittiva mogħtija minn qorti ta' pajjiż terz, dan ikun bil-kundizzjoni li din is-sentenza tkun it-tmiem ta' proċedura li, b'mod partikolari, tkun osservat r-rekwiżiti ta' smigħ xieraq li l-Istati Membri huma obbligati josservaw u li tista' tiggarantixxi d-drittijiet tal-partijiet kollha fil-proċess [46].

62. Il-fatt li l-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jistipula raġuni għal rifjut ta' eżekuzzjoni fakultattiv, filwaqt li l-punt 2 tal-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni Qafas jistabbilixxi raġuni għal rifjut ta' eżekuzzjoni obbligatorju, għandu wkoll żewġ konsegwenzi oħra li huma wkoll garanziji li jistgħu jikkumpensaw in-nuqqas ta' fiduċja reċiproka fil-konfront ta' Stati terzi.

63. Minn naħa waħda, huwa finalment kull Stat Membru li jagħżel jekk jixtieqx jittrasponi l-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u jestendi l-prinċipju ta' *ne bis in idem* għal sitwazzjonijiet transnazzjonali barra mill-Unjoni [47]. Minn naħa l-oħra, kif urejt fl-analiżi tiegħi tal-ewwel domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, l-applikazzjoni konkreta tal-eċċezzjoni msemmija fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha titħalla fid-diskrezzjoni tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni.

[41] Ara l-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet u r-riferimenti ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8

[42] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-11 ta' Frar 2003, Gözütok u Brügge (C-187/01 u C-385/01, EU:C:2003:87, punt 33), kif ukoll tad-9 ta' Marzu 2006, Van Esbroeck (C-436/04, EU:C:2006:165, punt 30).

[43] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2006, Showa Denko vs Il-Kummissjoni (C-289/04 P, EU:C:2006:431, punt 58).

[44] Ara, f'dan is-sens, l-Artikolu 58 tal-KFS li jistipula li d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni "m'għandhomx iwaqqfu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar estensivi dwar il-prinċipju ta' *ne bis in idem* fir-rigward ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda f'pajjiżi barranin".

[45] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas (C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punti 59 u 63).

[46] F'dan ir-rigward, abbażi tal-osservazzjonijiet bil-miktub u orali ta' X, jidher li l-proċedura kriminali li wasslet għall-kundanna tiegħu fl-Iran ma kinitx travestija ta' proċess. Bl-istess mod il-piena mogħtija tidher, meta jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet tal-arrest kif deskritti minn X, ta' ċertu severità. Fil-każ fejn il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi eżegwit, dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu, mingħajr dubju, jiġu wkoll ikkunsidrati mill-qrati Ġermaniżi.

[47] Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet u r-riferenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

64. Hija għalhekk l-awtorità ġudizzjarja kompetenti li għandha tistabbilixxi, minbarra n-natura ta' smigħ xieraq fl-Istat terz, jekk il-fatti materjali inkwistjoni jikkostitwixxux ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll mill-iskop tagħhom [48].

65. Fl-evalwazzjoni tagħha, l-awtorità ġudizzjarja għandha, finalment, tieħu inkunsiderazzjoni l-għan tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li huwa li r-reat imwettaq ma jibqax mingħajr kastig u li jitressqu azzjonijiet kontra l-persuna rikjesta jew li din il-persuna tiskonta l-piena ta' priġunerija imposta kontriha [49]. Effettivament, kif diġà indikajt, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandhom ikunu suġġetti għal interpretazzjoni li, ċertament, hija tali li tiżgura l-konformità tagħha mar-rekwiżiti tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati – li minnhom il-prinċipju *ne bis in idem* jifforma parti –, mingħajr ma tiġi għalhekk ikkontestata l-effettività tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri li tagħha l-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxi wieħed mill-elementi essenzjali [50].

66. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li l-kunċett tal-"istess atti" li jinsab fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jingħata l-istess interpretazzjoni bħal dik użata fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tal-imsemmija Deċiżjoni Qafas. Dan il-kunċett għandu għalhekk jiġi interpretat bħala li jirrigwarda biss in-natura tal-atti u li jinkludi ġabra ta' fatti konkreti marbutin inseparabbilment ma' xulxin, irrispettivament mill-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti jew mill-interess ġuridiku protett.

## *D. Fuq it-tielet domanda preliminari*

67. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kundizzjoni prevista fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 dwar l-eżekuzzjoni tal-piena għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tkun issodisfatta meta l-persuna rikjesta tkun ġiet ikkundannata b'mod definittiv għall-istess atti għal piena ta' priġunerija li hija tkun skontat parti minnha fil-pajjiż li fih ingħatat il-kundanna, u li tkun ibbenefikat, għall-bqija tal-kundanna, minn maħfra tal-piena mogħtija minn awtorità mhux ġudizzjarja ta' dan il-pajjiż, bħala parti minn miżura ta' klemenza ġenerali applikabbli wkoll għal persuni kkundannati għal atti gravi u li ma hijiex ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' politika kriminali.

68. Is-sens li għandha tingħata din il-kundizzjoni huwa importanti inkwantu din tista' tipprekludi rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew. Effettivament, jekk il-piena ma ġiet eżegwita fis-sens tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, din id-dispożizzjoni timponi ritorn, bħala regola, jiġifieri l-konsenja tal-persuna kkonċernata.

69. Preliminarjament, nippreċiża li jiena nifhem il-fenomenu ġuridiku tal-klemenza kif ġie ddefinit mill-qorti tar-rinviju: jiġifieri bħala miżura mogħtija minn awtorità mhux ġudizzjarja li minnha bbenefika grupp ta' persuni kkundannati għal atti gravi u li ma hijiex ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' politika kriminali. Dan il-mod, newtrali u ġenerali, li bih tiġi

48 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 2006, Van Esbroeck (C-436/04, EU:C:2006:165, punt 38), u tat-18 ta' Lulju 2007, Kraaijenbrink (C-367/05, EU:C:2007:444, punt 27).

49 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, SF (Mandat ta' arrest Ewropew – Garanzija ta' ritorn lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni) (C-314/18, EU:C:2020:191, punt 47).

50 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas (C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 63).

ddefinita l-problema jidhirli li huwa rilevanti b'mod partikolari fid-dawl tal-ħafna miżuri ta' klemenza eżistenti [51] u tal-varjabbiltà tad-definizzjoni tagħhom fit-tradizzjonijiet ġuridiċi tal-Istati Membri [52].

70. Wara li l-qafas ta' analiżi ġie hekk iddefinit, jista' jiġi osservat li l-kundizzjoni għall-eżekuzzjoni hija ddefinita f'termini identiċi fil-punt 2 tal-Artikolu 3 u fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, iżda wkoll fl-Artikolu 54 tal-KFS. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat fir-rigward ta' dan tal-aħħar li l-kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tkun issodisfatta meta jiġi kkonstatat li, fil-mument li fih tinbeda t-tieni proċedura kriminali kontra l-istess persuna għall-istess atti bħal dawk li jkunu wasslu għal kundanna fl-ewwel Stat Kontraenti, il-piena imposta f'dan l-ewwel Stat ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed *skont il-liġijiet ta' dan il-Istat* [53].

71. Madankollu ma għandniex nieqfu fuq din il-konstatazzjoni biss, ibbażata fuq il-kliem tal-Artikolu 54 tal-KFS, sabiex jiġi interpretat il-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u, b'dan il-mod, jitwarrab il-kuntest li fih taqa' din id-dispożizzjoni u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Effettivament, jekk it-"test ta' dispożizzjoni, […] skont il-prinċipji ta' interpretazzjoni tradizzjonali, huwa dejjem il-punt ta' tluq u, fl-istess ħin, il-limitu ta' kull interpretazzjoni" [54], peress li l-metodi ta' interpretazzjoni l-oħra huma fakultattivi biss fil-każ fejn it-test inkwistjoni jkun assolutament ċar u inekwivokabbli [55]. Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-kliem tal-artikolu inkwistjoni ma jippermettix, waħdu, li jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjoni għal eżekuzzjoni.

72. Qabelxejn, f'dak li jirrigwarda l-kuntest li fih jaqa' l-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, mill-punt 1 tal-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni Qafas jirriżulta bla dubju li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma injorax l-interferenza potenzjali ta' miżuri ta' klemenza fl-applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

73. Skont din id-dispożizzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew meta r-reat li huwa l-bażi tiegħu huwa kopert minn amnestija fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u li dan l-Istat Membru kellu l-kompetenza li jibda proċedura għall-imsemmi reat skont il-liġi kriminali tiegħu stess. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni llimita dan il-każ għall-amnestija fis-seħħ fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u rrefera għaliha biss bħala raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju. Il-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għalhekk ma għandux jiġi interpretat bħala li jawtorizza t-teħid inkunsiderazzjoni ta' miżura ġenerali ta' klemenza minkejja li minn ġurisprudenza stabbilita

[51] L-amnestija u l-maħfra jiġu f'moħħi b'mod spontanju. Uħud jassoċjaw magħha wkoll il-preskrizzjoni u l-libertà kundizzjonali, iżda dawn il-miżuri ma humiex l-uniċi li jistgħu jiġu kkunsidrati (ara, f'dan is-sens, Mathieu, B., u Verpeaux, M., "Conclusions comparatives", f'Ruiz Fabri, H., Della Morte, G., Lambert Abdelgawad, E., Martin-Chenut, K., *La clémence saisie par le droit. Amnistie, prescription et grâce en droit international et comparé*, Société de législation comparée, Kollezzjoni tal-UMR tad-dritt komparattiv ta' Pariġi, Vol. 14, Pariġi, 2007, p. 311 sa 318).

[52] Anki minħabba eventwali distinzjoni bejn, minn naħa waħda, miżuri ta' klemenza fis-sens strett ("executive clemency") – li huma rriżervati għall-poter eżekuttiv – u, min-naħa l-oħra, l-amnestija – li hija att leġiżlattiv (f'dan is-sens, fis-sistemi ta' common law, Pascoe, D., u Manikis, M., "Making sense of the victim's role in clemency decision making", *International Review of Victimology*, Vol. 26(I), 2020, p. 3 sa 28, b'mod partikolari p. 4 u 5, u p. 8 u 9). Ara, ukoll, sabiex tikkonvinċi ruħek dwar in-nuqqas ta' definizzjoni komuni, diskussjonijiet relatati mal-kunċetti ta' "maħfra ", ta' "amnestija" u ta' "preskrizzjoni", "Les institutions de clémence, regards de droit comparé", f'Ruiz Fabri, H., Della Morte, G., Lambert Abdelgawad, E., Martin-Chenut, K., *La clémence saisie par le droit*, op. cit., p. 275 sa 309).

[53] Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, Bourquain (C-297/07, EU:C:2008:708, punt 48).

[54] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża Agrana Zucker (C-33/08, EU:C:2009:99, punt 37).

[55] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Franza vs Il-Parlament (Eżerċizzju tas-setgħa baġitarja) (C-73/17, EU:C:2018:386, punt 25).

tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 telenka r-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew b'mod eżawrjenti[56] u li r-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa kkonċepit bħala eċċezzjoni li għandha tingħata interpretazzjoni stretta[57].

74. Sussegwentement, jekk nikkunsidraw l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jista' jitfakkar li l-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew huwa l-ewwel pass ta' konkretizzazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fil-qasam tad-dritt kriminali. Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija intiża, għalhekk, sabiex tissostitwixxi s-sistema ta' estradizzjoni multilaterali preċedenti b'sistema simplifikata u iktar effiċjenti ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji[58]. Għalhekk hija iktar in-"natura ġudizzjarja" tal-estradizzjoni: minkejja li l-estradizzjoni hija att ta' sovranità, il-mandat ta' arrest Ewropew huwa att ġudizzjarju[59].

75. Huwa għalhekk li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 stabbilixxiet mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri[60], li għandhom jinftehmu fil-qafas ta' din id-Deċiżjon Qafas bħala l-awtoritajiet li jipparteċipaw – b'mod indipendenti[61] – fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali[62].

76. Issa, il-miżura ta' klemenza kif iddefinita mill-qorti tar-rinviju hija, minn naħa waħda, mogħtija minn awtorità mhux ġudizzjarja u, min-naħa l-oħra, bl-ebda mod ma taqa' f'perspettiva ta' politika kriminali. Konsegwentement, jidher li jekk tali miżura tittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 dan imur kontra l-filosofija ta' sistema li tagħmel il-mandat ta' arrest Ewropew strument ta' ġustizzja kriminali u tpoġġi lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri fil-qofol tal-funzjonament tiegħu.

77. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni hija inkompatibbli wkoll mal-prinċipju *ne bis in idem* peress li dan il-prinċipju huwa bbażat fuq il-loġika tal-fiduċja reċiproka u li din għandha topera biss fl-isfera tal-applikazzjoni ġudizzjarja tal-liġi[63]. L-awtoritajiet ġudizzjarja huma, effettivament, fl-aħjar pożizzjoni sabiex jirrikkonċiljaw, fi tmiem analiżi konkreta u individwalizzata, id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati u l-effettività tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri.

78. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-kundizzjoni għall-eżekuzzjoni imposta fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jidhirli li għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tkoprix il-maħfra ta' piena mogħtija minn awtorità mhux ġudizzjarja tal-pajjiż terz li minnu toħroġ is-sentenza ta' kundanna definittiva, bħala parti minn miżura ta' klemenza ġenerali li hija applikabbli wkoll għal persuni kkundannati għal atti gravi u li ma hijiex ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' politika kriminali.

56 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58 Ara l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

59 Ara, f'dan is-sens, Jegouzo, I., "Le mandat ta' arrest Ewropew, acte de naissance de l'Europe judiciaire pénale", f'Cartier, M.-E., *Le mandat d'arrêt européen*, Bruylant, Brussell, 2005, *p.* 33 sa 45, b'mod partikolari p. 42; Bot, S., *Le mandat d'arrêt européen*, Larcier, Nru°215, Brussell, 2009.

60 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punt 96).

61 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) (C-354/20 PPU u C-412/20 PPU, EU:C:2020:1033, punt 38).

62 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Özçelik (C-453/16 PPU, EU:C:2016:860, punt 32).

63 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Bourquain (C-297/07, EU:C:2008:206, punt 83).

## VI. Konklużjoni

79. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) bil-mod segwenti:

1) Il-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li meta Stat Membru jagħżel li jittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali tiegħu, huwa obbligat li jagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni marġni ta' diskrezzjoni sabiex tistabbilixxi jekk hemmx lok jew le li tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew għar-raġuni msemmija f'din id-dispożizzjoni.

2) Il-kunċett tal-"istess atti" li jinsab fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299, għandu jingħata l-istess interpretazzjoni bħal dik użata fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tal-istess Deċiżjoni Qafas. Dan il-kunċett jirrigwarda biss il-materjalità tal-fatti. Huwa jinkludi ġabra ta' fatti konkreti marbutin inseparabbilment ma' xulxin, irrispettivament mill-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti jew mill-interess ġuridiku protett.

3) Il-kundizzjoni għall-eżekuzzjoni imposta fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tkoprix il-maħfra ta' piena mogħtija minn awtorità mhux ġudizzjarja tal-pajjiż terz li minnu toħroġ is-sentenza ta' kundanna definittiva, bħala parti minn miżura ta' klemenza ġenerali li hija applikabbli wkoll għal persuni kkundannati għal atti gravi u li ma hijiex ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' politika kriminali.